**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 04 ta' Frar 2025**

**Rikors Numru 53/2024**

**Avukat Dottor Alexander Borg Olivier (K.I. 145446M)**
**Stefano Borg Olivier (K.I. 394390M)**
**George Simonds (K.I. 298285M)**
**Jean-Claude Alexander Borg Olivier (K.I. 508568M)**

**Amanda Aloisio (K.I. 465978M)**
**Philip Micallef Eynaud (Passaport Malti Nru. 881229)**
**Cecily Federico (K.I. 312451M)**
**Marguerite sive Greta mart Tony Nicholl (K.I. 779252M)**
**Chantal Aloisio (K.I. 387974M)**

**Alexander Bethune Mattei (Passaport Malti Nru. 1369716);**
**Lydia Mattei (Passaport Irlandiz Nru. EM3219673) bhala Trustees tal-mejjet Gerald Mattei li miet fit-22 ta' Frar 1997**

-vs-

**Lawrence Falzon (K.I. 33561M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat **mir-rikorrenti** fil-5 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 24, Triq Pawlu Burlo, Hamrun li huma wirtu minghand il-mejta genituri taghhom Veronica armla minn Edward Micallef Eynaud, Alexandra armla minn Nutar Giorgio Borg Olivier u Gerald*

*Mattei, in kwantu ghal terz indiviz lill-eredi ta' Veronica Micallef Eynaud, terz indiviz lill-eredi ta' Alexandra Borg Olivier, u terz indiviz lill-eredi ta' Gerald Mattei.*

2. *Illi Veronica Micallef Eynaud mietet fl-14 ta' Jannar 2012, u l-wirt taghha ddevolva fuq uliedha Marguerite Nicholl, Philip Micallef Eynaud, Cecily Federico, u ulied bintha mejta Carol Ann Micallef Eynaud ossia, Amanda u Chantal Aloisio, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tas-7 ta' Jannar 2013, hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A.***

3. *Illi Alexandra armla minn Nutar Giorgio Borg Olivier mietet fil-25 ta' Frar 2009 u l-wirt ta' Alexandra Borg Olivier iddevolva fuq l-erba' uliedha r-rikorrenti Avukat Dottor Alexander Borg Olivier, Jean-Claude Alexander Borg Olivier, l-mejjet Peter Borg Olivier u l-mejta Angela Simonds, u dan skont testment tad-19 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela, hawn anness u mmarkat **Dokument B.***

4. *Illi Angela Simonds mietet fit-18 ta' Frar 2008 u ppremoriet lil ommha ghalhekk sehemha mill-wirt taghha ddevolva direttament fuq l-unika binha George Simmonds, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis in parte tas-17 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco hawn anness u mmarkat **Dokument C.***

5. *Illi Peter Borg Olivier miet fit-19 ta' April 2012 u l-wirt tieghu ddevolva ab intestato fuq l-unika wild tieghu ossia Stefano Borg Olivier, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis in parte tas-26 ta' Marzu 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, hawn anness u mmarkat bhala **Dokument D.***

**6.** *Illi Gerald Mattei miet fit-22 ta' Frar 1997 u bit-testment tieghu huwa nnomina bhala trustees lir-rikorrenti Lydia Mattei u Alexander Mattei biex jirraprezentaw il-gid tieghu wara mewtu u dan skont Deed of Appointment tat-trustees datat l-1 ta' Novembru 2021, hawn anness u mmarkat **Dokument E.***

7. *Illi l-proprjeta' in kwistjoni giet akkwistata mill-ahwa Mattei, ossia Veronica Micallef Eynaud, Alexandra Borg Olivier u Gerald Mattei wara l-mewt tal-genituri taghhom u minkejja illi huwa ddividew hafna mill-proprjeta' in kwistjoni b'kuntratt ta' divizjoni tat-2 ta' Gunju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor Frank Xavier Dingli, hawn anness u mmarkat bhala **Dokument F,** mill-wirt tal-mejta ommhom Maria Costantina Mattei, li mietet fit-23 ta' Jannar 1949, liema wirt taghha ddevolva b'testment tal-20 ta' April 1948 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri u mill-wirt tal-mejjet missierhom Alfredo Mattei, u permezz ta' kuntratt ta'*

*divizjoni iehor tal-10 t'April 1948 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon, hawn anness u mmarkat bhala **Dokument G.** huma hallew din il-proprjeta u proprjetajiet ohra in komun bejniethom*

8. *Illi mill-kuntratti Dokument F u G, jirrizulta illi Alexandra Borg Olivier, Veronica Micallef Eynaud u Gerald Mattei huma l-unici eredi ta' Alfredo u Maria Costantina Mattei.*

9. *Illi din il-proprjeta kienet mikrija lill-omm l-intimat ossia Carmela Falzon (K.I. 466221M) kif jirrizulta mir-Registri Elettorali t'April 2011, April 2013 u April 2016 (hawn annessi u mmarkati bhala **Dokumenti H, I u J**) liema kirja, wara l-mewt taghha, iddevolviet fuq binha li kien jghix maghha, kif jirrizulta mill-istess Registru Elettorali hawn anness u mmarkat bhala Dokument H, I u J, ghal hafna snin b'kera irrizorja li ai termini tal-Att X tal-2009 llum saret €217.63c fis-sena, u dan skont l-ahhar ircevuta tal-kera hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument K.***

10. *Illi l-fond mhuwiex fond dekontrollat kif jirrizulta mid-**Dokument L** hawn anness.*

11. *Illi ai termini tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju inizjali tal-proċeduri l-Bord għandu jwettaq it-test tal-mezzi tal-kerrej, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom. It-test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena li tippreċedi s-sena li fiha jkunu nbdew il-proċeduri u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tal-imsemmija sena. It-test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi.*

12. *Illi fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħulu tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord għandu, wara li jkun sema' kwalunkwe evidenza u sottomissjonijieti mressqa mill-partijiet, jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta' sentejn (2) sabiex id-dar ta'abitazzjoni tiġi vakata. Il-kumpens pagabbli lil sid il-kera għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu għandu jiġi determinat mill-Bord skont il-każ.*

***GHALDAQSTANT, jghid l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghalhiex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:-***

I. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ta' **Lawrence Falzon (K.I. 33561M)** huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 24, Triq Pawlu Burlo, Hamrun ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.*

II. ***Jordna*** *li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' **Lawrence Falzon (K.I. 33561M)** ai termini tal-Att XXIV tal-2021, u ai termini tal-Artikolu 11(b)(5) tal-Att Dwar id-Djar li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena 2023 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru 2023, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-kaz.*

III. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 24, Triq Pawlu Burlo, Hamrun, ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

IV. ***Jordna u jikkundanna*** *lill-intimat ta' **Lawrence Falzon (K.I. 33561M)** jibda jhallas din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021.*

V. ***Jordna,*** *f'kaz illi l-intimat ta' **Lawrence Falzon (K.I. 33561M)** ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-izgumbrament tieghu mill-fond in kwistjoni, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-prezentata tar-rikors odjern.*

Ra r-risposta ta' **Lawrence Falzon** ppreżentata fil-15 ta' Marzu, 2024, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi l-esponent jikkonferma illi l-fond in kwistjoni kien ingħata b'kera għal skop residenzjali lil ommu, ossia Carmela Falzon nee' Scicluna (K.I. 46621M) liema kirja wara l-mewt tagħha, iddevolviet fuq binha l-esponenti li għadu jgħix hemm sal-ġurnata tal-lum.*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess jiġi rilevat li l-esponenti dejjem ħallas il-kera fil-ħin u qatt ma kellu problemi ma' sid il-kera tant li sa ġieli ħallas il-kera tliet snin bil-quddiem.*

3. *Illi jiġi rilevat illi l-esponenti* ***jissodisfa*** *l-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

4. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ li dan il-Bord jordna li ż-żieda fil-kera, din għandha tiżdied b'effett mid-data tas-sentenza.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fid-29 ta' Frar 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq: https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimat li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;
Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi l-intimat jiddetjeni l-fond numru 24, Triq Pawlu Burlo, Ħamrun b'titolu ta' kera mingħand ir-rikorrenti.

Illi l-Awtorita` tad-Djar fl-ewwel lok talbet li r-rikorrenti jippruvaw it-titolu tagħhom u li huma waħidhom huma s-sidien tal-fond in kwistjoni. Illi fil-fehma tal-Bord din il-prova hija sodisfatta bid-dokumenti annessi mar-rikors promutur.

Illi permezz ta' Nota Ġuramentata l-intimat esebixxa informazzjoni dwar id-dħul tiegħu u ddikjara li huwa jissodisfa t-test tal-mezzi kif stabbilit bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad- dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-Ċertifikat tat-twelid esebit jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimat kellu tlieta u sittin (63) sena.

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' dħul</u>**, persuna li li jkollha bejn sitta u ħamsin (56) sa ħamsa usittin (65) sena tkun tista' tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu relevanti ma jeċċedix l-erbgħa u erbgħin elf u ħames mitt euro (€44,500). [1]

[1] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' kapital</u>**, persuna bl-eta` tal-intimat, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess kapital ma jridx jeċċedi l-mitejn u tlettax-il elf euro (€213,000) għall-perjodu rilevanti.[2]

Illi skont Regolament 7, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, bonds, stocks, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti man-Nota Ġuramentata ma jirriżultax illi l-intimat jaqbeż l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfa t-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust.

Illi l-Bord josserva illi l-intimat għandu dħul ta' pensjoni u depożiti bankarji li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala sostanzjali. Min-naħa l-oħra, il-Bord għandu quddiemu sidien li ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-proprjeta` tagħhom. Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 69 qabel dan ġie emendat bl-Att XXIV tal-2021, u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[3]

---

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

[3] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti skont il-proċedura stabbilita milll-Awtorita` tad-Djar u kif muri fid-dokument esebit mill-Awtorita` mar-risposta tagħha. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[4], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158[5] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti, **Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana** et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[6]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilin u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' erbat elef u sitt mitt ewro (€4600) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi Lawrence Falzon (K.I. 33561M) huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 24, Triq Pawlu Burlo, Ħamrun ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021

[4] 1 ta' Diċembru 2021

[5] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi

[6] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 24, Triq Pawlu Burlo, Ħamrun, qiegħda tiġi riveduta għall-ammont ta' erbat elef u sitt mitt ewro (€4600) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem mid-data ta' din is-sentenza;

4. Jilqa' r-raba' talba u jordna u jikkundanna lill-intimat Lawrence Falzon (K.I. 33561M) jibda jħallas lir-rikorrenti l-kera kif awmentata fil-paragrafu preċedenti;

5. Jiċħad il-ħames talba;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**